**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2019**

**Talba Nru: 584/2018 PM1**

**Robert Vella (ID 4469(G))**

**Vs**

**Kunsill Lokali San Gwann**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-seba' u ghoxrin (27) ta' Dicembru, elfejn u tmintax (2018) illi l-Kunsill Lokali konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt euro (€1500) oltre VAT bhala danni sofferti mill-attur meta nhar il-Hadd, 14 ta' Ottubru, 2018 ghall-habta tat-8.30am fi Triq Bellavista f'San Gwann waqt li l-attur kien ghaddej bil-vettura tieghu tal-marka Toyota u bin-numru tar-registrazzjoni JBU025 waqghet fergha ta' sigra fuq l-istess vettura u kkawzatlu hsarat konsiderevoli, bl-imghaxijiet skont il-ligi u bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Novembru, 2018 bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-istess Kunsill Lokali konvenut datata disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, elfejn u dsatax (2019) li permezz taghha gie eccepit illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-Kunsill intimat m'huwiex responsabbli ghall-allegati hsarat stante li huwa dejjem agixxa bhala *bonus paterfamilias* u ma setax jipprevedi li kienet ser taqa' l-fergha ta' sigra, liema incident sehh minhabba kaz fortuwitu jew forza magguri stante li dakinhar kien hemm rih qawwi ghaddej u laqghat l-inhawi. Minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja l-*quantum* tad-danni huwa esagerat. Bl-ispejjez.

Ra l-affidavit tal-attur prezentat waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Jeffrey Gusto u Kurt Gullaumier waqt is-seduta tat-8 t'April, 2019. Ra wkoll in-nota tal-attur bir-ritratti annessi prezentata wkoll waqt l-istess seduta.

Sema' ix-xhieda ta' Kurt Gullaumier waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2019 u ra d-dokumenti prezentati waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Mark Galea u ta' Michael Attard waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju, 2019 u ra d-dokumenti prezentati waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda tal-attur Robert Vella waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019.

Ra n-noti ezebita mill-attur datati 19 ta' Gunju, 2019 u 30 t'Ottubru, 2019 rispettivament.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra illi l-kawza giet konsegwentement differita ghas-sentenza ghall-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna incident li sehh fil-lokalita` ta' San Gwann meta l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JBU 025 minn Triq Bellavista San Gwann u fergha ta' sigra waqghet ghal fuq l-istess vettura tieghu bil-konsegwenza illi l-istess vettura sofriet hsarat pjuttost estensivi. Fir-rigward ta' tali incident il-Kunsill Lokali intimat jikkontendi li ma kien hemm ebda nuqqas da parti tieghu u li l-incident sehh bhala kawza ta' kaz fortuwitu.

Illi ghaldaqstant il-kompitu tat-Tribunal huwa li jiddtermina jekk il-Kunsill Lokali intimat ghandux jinzamm responsabbli ghall-hsara sofferta mill-attur.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza estensiva ghal dak li gie deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) f'kaz pressokke identiku ghal dak odjern u fejn, hemmhekk ukoll, kienet giet sollevata d-difiza tal-kaz fortuwitu. F'dan ir-rigward gie deciz is-segwenti:

> *« Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Valenzia nomine vs Camilleri*** *(27 ta' Gunju, 2003):*
>
> *"Izda il-koncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-Dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-'bonus pater familias.* ***Isegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.****"*
>
> *Hekk ukoll din il-qorti fis-sentenza* ***Vella vs Cilia*** *(23 ta' Gunju, 2004) qalet:*

*"…… il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja. Kif, ex abundantia, rilevat il-prova tal-fortuwitu jew tal-kawza estranea tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici. Sta ghalih li jipprova li l-kawza fortuwita serviet biex tinterrompi l-kollegament bejn il-kolpa addebitata u l-event dannuz. Tinsorgi ghalhekk fil-kaz prezenti d-domanda jekk dak li sehh kienx ir-rizultat ta' kawza fortuwita inevitabbli fis-sens li wiehed ma setax ikun mistenni li* ***jiehu mizuri preventivi kontra dak li ma setax normalment jigi prevedut****. Jispetta ovvjament lill-gudikant li jevalwa r-rizultanzi processwali."*

Fl-istess kawza l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kompliet billi tistharreg ir-raguni li wasslet sabiex, f'dak il-kaz ukoll, iz-zokk tas-sigra waqa' fuq il-vettura u kkunsidrat is-segwenti :

*« 9. Il-fatt wahdu li waqa' zokk kbir mis-sigra m'huwiex prova li sehh kaz fortuwitu. Zkuk tas-sigar ma jaqghux minn sigra bla raguni. Hekk ukoll 'il fatt wahdu li dawn it-tip ta' incidenti m'humiex daqstant komuni, ma jfissirx li l-incident sehh minhabba kaz fortuwitu.*

***(…)***

*Jekk iz-zokk waqa' minn fuq is-sigra minhabba t-toqol tal-frieghi, iktar u iktar ghandu jwiegeb il-Kunsill ghall-hsara li saret fuq il-vettura ta' Ciantar. Hu essenzjali li sigar li hemm fit-toroq, minn zmien ghal zmien jigu ezaminati biex minnhom jitnehhew dawk il-partijiet li fihom hsara, jew li huma mejta, morda jew li minhabba d-daqs tal-frieghi jkunu ta' periklu. Sfortunatament f'pajjizna tonqos kultura ta' sahha u sigurta. Hu essenzjali*

*li jigi ppjanat programm ta' spezzjoni li jassigura li s-sigar f'postijiet pubblici huma spezzjonati kemm hu necessarju. Spezzjoni li ghandha ssir minn persuni li jifhmu fil-qasam tas-sigar u dan ghandu jwassal biex isir risk assessment. Il-Kunsill kellu l-obbligu li jiehu passi ragonevoli biex inaqqas ir-riskji. M'huwiex bizzejjed li l-Kunsill jargumenta li:*

*"Kemm l-atturi u kif ukoll il-konvenuti ghadhom sal-gurnata tal-lum ma jafux x'wassal ghall-fergha sabiex taqa'. Isegwi li l-Kunsill ma kienx b'mod ragonevoli mistenni li jkun jaf li l-fergha tas-sigra kien f'periklu li jaqa' u b'hekk ma seta qatt jipprevedi dan l-incident."*

*Hu proprju ghalhekk li hemm il-bzonn li minn zmien ghal zmien issir spezzjoni minn persuna li tifhem f'dan il-qasam, bhal arborist. Hu evidenti li fil-kaz in ezami dan l-ezercizzju ma kienx qieghed isir mill-Kunsill. Ghalhekk min-nuqqas tieghu stess il-Kunsill ma jistax jipprova jinheba wara l-kuncett ta' kaz fortuwitu. L-incident sehh mhux minhabba kaz fortuwitu izda minhabba li l- Kunsill baqa' passiv u ma kien qiegħed jagħmel l-ebda xogħol ta' manutenzjoni fis-sigar.*" (Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) **Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Birgu** deciza fil-21 ta' Ottubru, 2016).

Illi t-Tribunal ihoss li ftit ghandu xi jzid mar-ragunament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz surreferit. Tali ragunament huwa kjarament applikabbli ghall-kaz odjern ukoll bl-istess mod tenut kont li hawn ukoll il-Kunsill Lokali jikkontendi li huwa ma jahtix ghall-hsara sofferta mill-attur u jiccita favur tieghu id-difiza tal-kaz fortuwitu. Jinghad li, fil-kaz odjern, ma tressqet ebda prova li l-incident gie ikkawzat minn rih qawwi u mhux prevedibbli mill-Kunsill Lokali (f'dan ir-rigward l-unika prova oggettiva u imparzjali

prodotta hija dik ta' Jeffrey Gusto, amministratur fi hdan l-Ufficju Metereologiku ta-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li f'dan ir-rigward xehed: "*minn stharrig li ghamilt jien dakinhar u bejn il-hinijiet indikati fit-tahrika r-rih kien forza 4 u peress li kien hemm xi maltemp setgha telgha ghal forza 5 fil-lokal. Jiena bhala Ufficju Metereologiku* (nghid li) *dan huwa rih pjuttost normali.*"- xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 t'April, 2019). Aktar minn hekk jinghad li, proprju in linea ma' dak hawn fuq citat, kien jinkombi fuq il-Kunsill Lokali intimat li jiehu dawk il-mizuri kollha preventivi – kif d'altronde jinsabu wkoll awspikati mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza sopracitata – sabiex jevitaw hsara naxxenti minn sitwazzjonijiet kjarament prevedibbli bhalma huma rih qawwi, frieghi u zkuk li jisporgu ghal fuq it-triq, jinxfu jew jsiru tqal wisq (fil-kaz odjerm l-Ispettur Mark Galea  xehed li: "*Niftakar li dan iz-zokk kien tqil*" - ara f'dan is-sens xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju, 2019). Jekk imbaghad, bhal kaz in ezami u bhalma gara wkoll fil-kaz hawn fuq citat, isehh incident ghaliex zokk ta' sigra jaqa' fuq vettura, il-Kunsill Lokali responsabbli qajla jista' jissolleva id-difiza tal-kaz fortuwitu u dana ghaliex tali incident certament li ma kienx isehh li kieku l-istess Kunsill Lokali adempixxa mal-obbligi legali tieghu ghaz-zamma u manutenzjoni tat-toroq fil-lokalita` u ha l-mizuri kollha preventivi sabiex jevita dak li jista' jigi normalment previst.

Ghaldaqstant huwa car li l-Kunsill Lokali konvenut ghandu jigi mizmum responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna.

Illi fir-rigward tal-*quantum* jinghad ukoll li ghalkemm dan jinsab ukoll kontestat mill-Kunsill Lokali konvenut bhala wiehed ezagerat, l-attur xehed li "*x-xogholijiet pero` saru skont is-survey report kommissjonat mill-Kunsill Lokali intimat*" (xhieda in kontro-ezami waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019) u f'tali rigward ma tressqet ebda prova li tista' b'xi mod tikkontradici dan jew timmina r-ragjonevolezza tal-ammont mitlub. Perdipiu` s-somma mitluba mill-attur ammontanti ghal elf u hames mitt euro (€1500) u VAT fuq l-istess hija fil-fatt inqas mit-total li jinsab pruvat tarmite r-ricevuta ezebita in atti (fol. 10 tal-process) fir-rigward kemm tax-xogholijiet ta' tiswija u l-parts utilizzati fuq il-vettura. Fir-rigward tal-imaghaxijiet dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika lill-Kunsill

Lokali konvenut tat-talba odjerna filwaqt li l-ispejjez ghandhom ukoll jigu sopportati mill-istess Kunsill Lokali konvenut salv ghal dawk koncernanti l-ittra interpellatorja li prova taghha ma tressqitx.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali konveut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf u hames mitt euro oltre VAT fuq l-istess rapprezentanti danni sofferti minnu bhala konsegwenza tal-incident datat 14 t'Ottubru, 2018 bl-imghaxijiet mill-15 ta' Jannar, 2019, data li fiha gie notifikat il-Kunsill Lokali bit-talba odjerna u bl-ispejjez kollha kontra l-istess Kunsill Lokali salv ghal dawk koncernanti l-ittra interpellatorja.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.A. (Melit) M.Phil.**

**Gudikatur**